III

Sliem! La tibkix għax qed tixjieħ, żagħżugħa!
Ħajtek trid tkun, u jekk int le ma tikber,
Kif tridha tikber l-għajn li tagħti l-ħajja
Tfawwar il-qalb bil-ġemgħa tal-imgħoddi?
Fl-aħħar mill-aħħar mhux il-waqt għaddieni
Li jagħmlek nies! id-damma tal-għixien
Ftit ftit kull'um, jibnik u jagħtik sura,
Jagħżlek mill-bhima, jerfgħek ħada l-anġli,
U jtik ix-xbieha tal-Ħallieq ġo fik!

15/VI/'68

---

## DAWL ĊKEJKEN

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

*Lil Patri D. Mintoff O.F.M., Fundatur tal-Premju "Papa Ġwanni XXIII"*

X'ħin tqalleb ta' kull jum qalb il-gazzetti
u, waħda wara l-oħra,
taqra l-aħbarijiet,
tħossok miblugħ u mgħaffeġ
f'dinja ta' ġlied u għira,
ta' qtil u serq, mibegħda u vizzjijiet.
U rasek tħossha tqila
ta' kull jum; miġbur ġo dalma
tal-biża' u tal-waħx,
donnok taqta' kull jies, titlef it-tama.

'Ma darba feġġ jum ġdid,
jum kollu lija; u fil-gazzetti
dehret aħbar sabiħa
li theġġeġ għall-imħabba, għat-tjubija,
u tfakkar, fil-jiem kollha,
fit-twajjeb Papa Ġwanni, dak ix-xwejjaħ
li ngħibed lejh kulħadd.
U f'qalbi dik l-aħbar,
bħal dawl ċkejken f'nofs id-dalma,
xegħlet mill-ġdid it-tama.



## META L-QALB MA TWEGIBX

*Ta'* A, CREMONA

Ix-xemx bid-dawl fietel tagħha wara nofs in-nhar ta' jum xitwi kienet għadha tiddi, bla ebda ħajbur, fuq il-ħdura tal-wieġ ta' taħt il-għolja tal-Imtarfa; u fuq il-ħaxix 'l hawn u 'hinn, kienu għadhom ileqqu bħal dija ta' fosos tal-ħġieġ il-qatriet tax-xita tal-lejl ta' qabel. Mimì, tfajla fuq ruħha, b'par wardiet ħomor ħomor fuq ħad-dejha, u bi tbissima fuq fommha, bil-pass jaqbeż ħafif ħafif, milfufa b'*coat* oħxon lewn il-ħamrija, bil-għonq imtalla' minn wara, u b'xalla kaħla tal-ħarir madwar għonqha bit-trufijiet jittajru ma' kull qabża, b'idha l-leminija mqabbda ma' ta' Victor, ħabib ġdid tagħha li saret tafu ewl il-lejl fil-ballu tal-istudenti għeluq is-sena fejn żifnet u baqgħet tiżfen sa ma kien għoddu sebaħ — kienet nieżla mill-mogħdija ta' fuq il-wita tat-Trunċieri tas-swar ta' l-Imdina, lejn dak il-bini battal u ħiemed bis-siġar u ħxejjex madwaru fejn dari n-nies kienet tistenna biex tirkeb fuq il-vagun tal-ferrovija, u fejn dari kont dlonk tisma' t-tisfira tal-makna tal-ferrovija, u bħal kelb jinbaħ kienet toħroġ minn dik il-mina s-sewda tarmi d-duħħan minn imnisfejha.

Kien l-ewwel nofs ta' nhar li fih Mimì ltaqgħet ma' dan iż-żagħżugħ, student tal-liġi, biex toħroġ ħarġa miegħu, iżda għalkemm din kienet l-ewwel laqgħa, l-għada li żifnu flimkien, hekk kif iltaqgħet miegħu fil-ħin li kienu miftehmin taħt is-siġar tal-Ġnien tas-Saqqajja, hija ħasset li bħal kieku kienet ilha tafu x-xhur. Hekk ukoll ħass Victor, għax Mimì kienet tkellmek b'għajnejha u torbtok ma' qalbha. Il-lejl ta' qabel, fil-ballu, kienet lemħet lil Reggie, Fizzjal fl-Artillerija, li qabel ma daħal fir-riġment kien student magħha, u kien ħalla l-kors wara li din kienet telqet l-istudji universitarji biex tat ruħha għall-mużika u għall-kant.

Reggie u Mimì kienu ilhom jafu lil xulxin u minn daqsxejn ta' ħbiberija bejn il-familji ta' xulxin nibtet ukoll bejniethom it-tnejn bħal ġibda lejn xulxin li ikarx kellha minn ħbiberija ta' tfal milli minn imħabba. Iżda f'Reggie dil-ġibda maż-żmien kibset f'ħuġġieġa waħda ta' ġenn lejn is-sieħba ta' tfulitu, u flaħħar fissrilha dak kollu li kien qed iħoss għaliha. Hi tbissmitlu u damet ma wieġbet għal kollox għal imħabbtu: flaħħar qaltlu li hi tħobbu wkoll, u wara li ittamatu b'ħars ħelu u bi kliem ħelu li titbqa' tħobbu, sew sew wara

---

*Nota*: Billi din in-novella, meta dehret f'rivista oħra, kienet nieqsa minn xi motivi fit-trama tagħha, l-Awtur deherlu li tkun ħaġa xierqa li issa, kif riveduta minnu, tkun ippubblikata f'din ir-rivista, taħt titlu ieħor.